A.L. 56 ta' l-1990

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti għall-Grad ta' Baċillier tax-Xjenza (Teknoloġija)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga r-Regolamenti li ġejjin magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att:—

Titlu fil-Qosor

Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu Regolamenti għall-Grad ta' Baċillier tax-Xjenza (Teknoloġija) (B.Sc. (Tech.)) u jgħoddu biss għall-kors li beda f'Ottubru 1987.

REGOLAMENTI GĦALL-GRAD TA' BAĊILLIER TAX-XJENZA (TEKNOLOĠIJA) — B.Sc. (Tech.)

(Igħoddu biss għall-kors li beda f'Ottubru 1987)

1. **Id-Dħul**

1.1 Biex ikun jista' jidħol għall-grad ta' Baċillier tax-Xjenza (Teknoloġija) kandidat irid:

(i) jissodisfa l-kwalifiki għad-dħul skond ir-Regolament 3 hawn isfel;

(ii) itemm il-kors ta' l-istudji, jikkwalifika fl-eżamijiet, u jissodisfa l-kwalifiki l-oħra kollha kif hawn imniżżel f'dawn ir-Regolamenti u f'Regolamenti u Statuti rilevanti oħra ta' l-Università.

2. **It-Tul tal-Kors**

2.1 Il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-Grad ta' Baċillier tax-Xjenza (Teknoloġija) jinfirex fuq sentejn.

3. **Kwalifiki għad-Dħul**

3.1 Kandidat jista' japplika biex jidħol bħala student fil-kors tal-B.Sc. (Tech.) jekk ikun temm b'suċċess it-tieni sena tal-kors tal-B.Pharm.(Tech.) skond ir-Regolamenti applikabbli f'dak iż-żmien.

4. **Il-Kors ta' l-Istudji**

4.1 Il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-grad tal-B.Sc.(Tech.) jibni fuq is-sentejn ta' qabel tal-kors tal-B.Pharm.(Tech.) u hu magħmul minn dawn:

L-EWWEL SENA

Kimika Industrijali
Bijoloġija Industrijali
Teknoloġija ta' l-Ipproċessar
Programmar Elementari

IT-TIENI SENA (Finali)

Kimika Industrijali
Bijoloġija Industrijali
Teknoloġija ta' l-Ipproċessar
Studji tal-Komputer
Studji tal-Management

4.2 Fit-Tieni Sena student ikun mistenni li jissottometti dissertazzjoni fuq tema approvata.

5. **Testijiet ta' Progress**

5.1 Fi tmiem l-Ewwel Sena tal-kors, isiru testijiet ta' progress fis-suġġetti magħmula f'dik is-sena.

5.2 Kandidat jitħalla jgħaddi għat-Tieni Sena (Finali) tal-kors biss jekk il-Bord tal-Fakultà jqis li x-xogħol tiegħu fit-testijiet ta' progress jilħqu l-livell ta' min igħaddi.

6. **L-Eżami Finali**

6.1 L-Eżami Finali għall-grad ta' B.Sc.(Tech.) hu magħmul minn dawn:

Teknoloġija ta' l-Ipproċessar
Bijoloġija Industrijali
Kimika Industrijali
Studji tal-Komputer
Studji tal-Management

6.2 Id-Dissertazzjoni tkun sottomessa fl-għamla aħħarija tagħha sa tmiem April tat-tieni sena u tkun eżaminata minn Bord ta' Eżaminaturi li, jistgħu, jekk jidhrilhom, jeżaminaw kandidat oralment.

6.3 L-Eżami Finali jsir fi tmiem it-Tieni Sena tal-kors. Ikun hemm żewġ sessjonijiet ta' dan l-eżami. L-ewwel sessjoni ssir f'Mejju u t-tieni sessjoni ssir f'Settembru.

6.4 Kandidat hu mistenni li jieħu s-suġġett i kollha ta' l-Eżami Finali f'sessjoni waħda, ħlief jekk joqgħod għall-Eżamijiet skond ir-Regolamenti 6.7 u 6.8.

6.5 Ir-riżultat ippubblikat ta' l-eżami f'kull suġġett iqis il-partijiet kollha ta' l-eżami f'dak is-suġġett, kif ukoll ix-xogħol li jkun sar matul il-kors.

6.6 Ir-riżultat juri l-ismijiet tal-kandidati li jikkwalifikaw għall-għoti tal-grad B.Sc.(Tech.), f'ordni alfabetika f'lista maqsuma fil-kategoriji I, IIA, IIB u III.

6.7 Fl-ewwel sessjoni ta' l-Eżami fi tmiem is-Sena Finali, kandidat li jieħu l-ħames suġġetti kollha ta' l-Eżami jista' jkun riferit f'suġġett wieħed jew fi tnejn. Lista ta' dawn il-kandidati tkun ippubblikata u turi s-suġġett li fih kull kandidat ikun ġie riferit lura.

6.8 Kandidat li ġie riferit lura f'suġġett wieħed jew fi tnejn jista' joqgħod għall-eżamijiet f'dawk is-suġġetti f'sessjoni oħra. Jekk imbagħad igħaddi mill-eżamijiet f'dawk is-suġġetti, ismu jiddaħħal fil-lista ta' dawk li għaddew mill-Eżami Finali. Jekk jeħel, jerġa' jiddaħħal mill-Bord tal-Fakultà, darba biss, fis-sena Finali tal-Kors biex jirrepeti s-suġġetti li jkun weħel fihom.